CT 405/2007. Stallazzjoni ta' tagħmir għal tifi tan-nar, *airconditioning,* ventilazzjoni, xogħlijiet ta' l-ilma, ħasil ta' platti, misħun, kmamar tal-banju u *toilets,* sistemi ta' *fire alarm* u *detection, CCTV,* sigurtà, telefonija, sistemi tal-*computer* u stallazzjoni ta' l-elettriku fl-*Adult Training Centre,* Għawdex - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm30 (€69.88) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 406/2007. Provvista ta' *disposable nappies* għall-adulti - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, il-15 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 398/2007. Provvista ta' 0.9% *sodium chloride x 100ml IV infusion* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Novembru 2007.

CT 399/2007. Provvista ta' *5% dextrose x 1000ml IV infusion* - Diviżjoni tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fis-16 ta' Novembru 2007.

CT 400/2007. Kampanja pubblikċitarja u *marketing* tal-*Employment Aid Programme* - Korporazzjoni għat-Taħriġ u Impjieg. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.24) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropeja taħt il-Programm Fond Soċjali Ewropew.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2007.

CT401/2007. Provvista ta' *proseal laryngeal masks airways*, Qies: 3, 4 u 5 - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 395/2007. Supply of nylastic bandages 7.5 cm - Health Division.

CT 396/2007. Supply of diclofenac sodium 25mg enteric-coated tablets - Health Division.

CT 397/2007. Supply of cooked cured ham (Malta) - Health Division. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 10th January, 2008, for:

CT 404/2007. Supply of brand new, Class A (Category M3) passenger vehicle to provide a circular commuter service in Sliema - Malta Environment and Planning Authority. A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each copy of tender document.

CT 405/2007. Installation of equipment for fire fighting, airconditioning, ventilation, plumbing, dishwashing, water heating, bathrooms and toilets, fire alarm and detection systems, CCTV, security, telephones,computer systems and electrical installation at the Adult Training Centre, Gozo - Ministry for Gozo. A fee of Lm30 (€69.88) will be charged for each copy of tender document.

CT 406/2007. Supply of adult disposable nappies - Health Division. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 15th January, 2008, for:

CT 398/2007. Supply of 0.9% sodium chloride x 100ml IV infusion - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th November 2007.

CT 399/2007. Supply of 5% dextrose x 1000ml IV infusion - Health Division.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th November 2007.

CT 400/2007. Publicity campaign and marketing of the Employment Aid Programme - Employment and Training Corporation. A fee of Lm25 (€58.24) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Social Fund Programme.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th November 2007.

CT 401/2007. Supply of proseal laryngeal masks airways, size: 3, 4 and 5 - Health Division.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fl-20 ta' Novembru 2007.

CT 402/2007. Provvista ta' servizzi ta' taħriġ ħalli l-Merħba Customer Care Training Programme jiġi estiż - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm25 (€58.24) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Unjoni Ewropeja taħt il-Programm tal-Fondi Strutturali/*Cohesion*.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, is-17 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 403/2007. Studji u servizzi ta' mmaniġġar tal-proġett biex titwaqqaf entità biex tirrispondi għat-tixrid taż-żejt għall-protezzjoni ta' l-ibħra Maltin – Awtorità Maritima ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Services Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment taħt l-EEA Grants 2007-2009.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-22 ta' Novembru 2007.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-22 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 407/2007. Servizzi ta' tindif għas-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' Lm40 (€93.18) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-28 ta' Novembru 2007.

CT 409/2007. Provvista ta' *pullovers* ċelesti - Dipartiment tal-Pulizija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

*CT 410/2007. Xogħlijiet ta' madum, granit u irħam fl-Iskola Sekondarja tas-Subien l-ġdida, Verdala, Bormla – Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-28 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 408/2007. Provvista ta' *heavy vehicle equipment training simulator* għall-operaturi u sewwieqa tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija - Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u t-Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Dan huwa *Supplies Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropej għal Malta.

(Budget Allokat: Lm309,718.00 (€721,449.00) mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2007.

The EU Contract Notice was dispatched on 20th November 2007.

CT 402/2007. Supply of training services in order to extend Merħba Customer Care Training Programme - Malta Tourism Authority. A fee of Lm25 (€58.24) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the Structural/Cohesion Funds Programme.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 17th January, 2008, for:

CT 403/2007. Studies and project management services for the setting up of an oil spill response capability for the protection of Malta's seas – Malta Maritime Authority. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

This is a Services Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed under the EEA Grants 2007-2009.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd November 2007.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 22nd January, 2008, for:

CT 407/2007. Cleaning services for all Malta College of Arts, Science and Technology sites - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm40 (€93.18) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 28th November 2007.

CT 409/2007. Supply of blue pullovers - Malta Police Department. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document.

*CT 410/2007. Tiling, granite and marble works at the new Boys' Secondary School, Verdala, Cospicua – Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 28th January, 2008, for:

CT 408/2007. Supply of a heavy vehicle equipment training simulator for operators and drivers at Malta College of Arts, Science and Technology - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

This is a Supplies Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta.

(Allocated Budget: Lm309,718.00 (€721,449.00) excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 3rd December 2007.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Jannar, 2008, għal:

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.88) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

*CT/A/9/2007. Xiri ta' *fork lifter, truck, sweeper* u kompressur ta' l-arja għall-faċilitajiet ta' *dry standing* fil-Kavallerizza, Marsaxlokk – Diviżjoni ta' l-Affarijiet Veterinarji u Sajd. Kopja tad-dokument ta' l-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

Dan huwa *Service Notice taħt Local Open Tender Procedure*. Din hi offerta mħallsa parzjalment mill-Programm tal-Fondi Strutturali Ewropej għal Malta 2004-2006.

(*Budget* Stimat: Lm27,200.00 (€63,359.68) mingħajr V.A.T.).

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, Tel. 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti ta' l-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema elettronika *point-of-sale* (EPOS) tal-Bank of Valletta.

L-offerenti huma avżati li jżuru l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt li tipprovdi informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf lill-offerenti kollha illi skond Klawsola 30 u Parti XIII tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2003, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali għar-rigward ta' l-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*polling facilities* fuq in-numru tal-*fax* 2122 6156.**

Kull offerent li jkollu xi oġġezzjoni għal xi rakkomandazzjoni jrid iressaq l-ilment uffiċjali tiegħu lid-Direttur Ġenerali (Kuntratti) skond parti XIII ta' l-imsemmija Regolamenti li tistabbilixxi fid-dettall il-proċedura li trid tkun segwita f'każ bħal dan. Huwa fl-interess ta' kull offerent li jkun jaf sewwa d-dettalji ta' din il-parti tar-Regolamenti.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 31st January, 2008, for:

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of Lm200 (€465.88) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

*CT/A/9/2007. Procurement and delivery of a fork lifter, truck, sweeper and air compressor for the dry standing facilities at Kavallerizza, Marsaxlokk – Veterinary Affairs and Fisheries Division. A copy of the tender document can be downloaded from the website http://www.maltafisheries.gov.mt/news.asp

This is a Supplies Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender is partially funded under the European Structural Funds Programme for Malta 2004-2006.

(Estimated Budget: Lm27,200.00 (€63,359.68) excluding V.A.T.).

*Advertisements appearing for the first time

Tender documents are obtainable on application from the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, Tel. 21 220 212, Ext. 128 or on any working day between 8.30 a.m. and noon. A Bank of Valletta point-of-sale system (EPOS) is also available for the payment of tender documents.

Tenderers are advised to visit the website of the Department of Contracts at http://contracts.gov.mt which provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th December, 2007

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of Clause 30 and Part XIII of the Public Contracts Regulations 2003, recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after 12.00 noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the polling facilities on fax number 2122 6156.**

Any tenderer who may feel aggrieved by any such recommendation must submit his official complaint to the Director General (Contracts) in accordance with part XIII of the said Regulations which lays down in detail the procedure to be followed in such a case. All tenderers should, therefore, familiarise themselves with the provisions of this part of the Regulations.

11th December, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Maintenance Software Centrally Developed Transit Application/Nationally Operated (CDTA)

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħtet fis-17 ta' Ottubru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, bis-saħħa tar-Regolament 5(2)(n) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi, l-offerti għat-*tender* għandhom iseħħu skond il-proċeduri addizzjonali li ġejjin.

Kumpanija li hi entità legali tista' tibgħat *tender* waħda biss.

Id-data u l-ħin għall-preżentazzjoni ta' l-offerti tista' tinġieb mid-dokument tat-*tender*.

Id-depożitu ta' l-offerti jiġi aċċettat biss jekk jiġu ppreżentati f':

Tullverket/HK
Alströmmergatan 39
Box 12854
112 98 Stockholm
Sweden

Kull talba għall-kjarifiki tista' tintbagħat permezz ta' *e-mail* sat-3 ta' Diċembru 2007.

Tweġibiet għal kjarifiki għandhom isiru sas-6 ta' Diċembru 2007.

Is-sessjoni ta' ftuħ tat-13 ta' Diċembru 2007 mhux se tkun miftuħa għall-pubbliku.

Protokoll tal-ftuħ ta' l-offerti għandu jitqassam lill-offerenti kollha wara l-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjoni għall-għotja.

Il-liġi applikabbli u l-proċedura li għandha tirregola s-sessjoni tal-ftuħ hija dik Svediża, fil-preżenza ta' rappreżentanti tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Minħabba li din hija offerta għal numru ta' awtoritajiet kontraenti, l-offerti huma validi għal kull waħda minn l-erba' awtoritajiet kontraenti ġejjin mill-Isvezja, l-Olanda, l-Irlanda u Malta u kuntrattur komuni wieħed se jiġi magħżul għal kollha.

Kull Awtorità Kontraenti parteċipanti se tiffirma kuntratt separat.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 397/2007. Provvista ta' *cooked cured ham* (Malta) - Diviżjoni tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti javża għall-informazzjoni

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

Maintenance Software Centrally Developed Transit Application/Nationally Operated (CDTA)

The EU Contract Notice was dispatched on 17 October 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that, by virtue of Regulation 5(2)(n) of the Public Contracts Regulations, the offers for the tender in caption shall be in accordance with the following added procedures:

A company being a legal entity, can send one tender only.

The date and time for the presentation of offers can be obtained from the tender document.

Deposits of offers are accepted only if presented at:

Tullverket/HK
Alströmmergatan 39
Box 12854
112 98 Stockholm
Sweden

Any requests for clarifications may be submitted by e-mail up to 3 December 2007.

Answers to clarifications will be replied by the 6 December 2007.

The opening session on the 13 December 2007 will not be held in public.

A bid opening protocol will be distributed to all tenderers after the publication of the recommendation of the award.

The applicable law and procedure governing the opening session will be the Law of Sweden, as witnessed by representatives from the General Contracts Committee.

Being a Call for Tenders for a number of contracting authorities, offers are valid and common for the four participating Contracting Authorities hailing from Sweden, Holland, Eire and Malta and one single contractor will be selected.

Each participating Contracting Authority will sign a separate contract.

11th December, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 397/2007. Supply of cooked cured ham (Malta) – Health Division. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document.

The Director of Contracts notifies for general information,

ta' kulħadd, illi l-prezz tad-dokument ta' l-avviż msemmi hawn fuq hu kif jidher u mhux kif ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-TLIETA, 23 ta' Ottubru, 2007.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 370/2007. Provvista ta' *Integrated University Information System* – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 (€116.47) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-Contract Notice ta' l-UE ntbagħat fit-18 ta' Ottubru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jerġu jiġu mtawwal sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-18 ta' Diċembru, 2007.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

AVVIŻ TAD-DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

CT 384/2007. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-Proġett tal-Villaġġ tas-Snajja' f'Ta' Qali - Ministeru għall-Iżvilupp Urbani u Toroq. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (€465.88) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Il-*Contract Notice* ta' l-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2007.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għall-informazzjoni ta' kulħadd illi d-data u l-ħin biex jintbagħtu l-offerti għall-avviż imsemmi qed jiġu mtawwal sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-31 ta' Jannar, 2008.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

DIPARTIMENT TA' L-ARTIJIET

Il-Kummissarju ta' l-Artijiet jgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta, sal-10.00 ta' filgħodu tal-Ħamis, 20 ta' Diċembru, 2007.

Avviż Nru. 256. Bejgħ tad-Dirett Dominju Perpetwu u ċ-ċens rivedibbli relattiv ta' ħmistax-il Lira Maltin, ħamsa u tletin ċenteżmu u tmien milleżmi, Lm15.35,8 (€35.77) fis-sena, regolat skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace tat-22 ta' Jannar, 1966, ta' sit fi Triq l-Għerien, il-Mellieħa, muri bl-aħmar u mmarkat *Plot* 214 fuq pjanta P.D.JO_66_2007_A. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm200.00 (€465.87) skond

that the document fee for the above mentioned advert is as stated and not free as published in the Government Gazette of TUESDAY, 23rd October 2007.

11th December, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 370/2007. Procurement of an Integrated University Information System – University of Malta. A fee of Lm50 (€116.47) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th October 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is again being extended up to 10.00a.m. on TUESDAY, 18th December, 2007.

11th December, 2007

DEPARTMENT OF CONTRACTS NOTICE

CT 384/2007. Construction works at the Ta' Qali Crafts Village Project - Ministry for Urban Development and Roads. A fee of Lm200 (€465.88) will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2007.

The Director General (Contracts) notifies for general information that the date and time for the presentation of offers for the above mentioned advert is being extended up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 31st January, 2008.

11th December, 2007

LAND DEPARTMENT

The Commissioner of Land notifies that:–

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be dropped in the Tender Box at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 am on Thursday, 20th December, 2007.

Advt. No. 256. Sale of the Perpetual Directum Dominium and relative revisable groundrent of fifteen Malta Liri, thirty five cents, eight mills, Lm15.35,8 (€35.77) per annum, as per deed in the acts of Notary Remigio Zammit Pace dated 22nd January, 1966, of the site in the Triq l-Għerien, Mellieħa, shown edged in red and marked Plot 214 on plan P.D.JO_66_2007_A. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm200.00 (€465.87) as stipulated in the

kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 257. Bejgħ ta' sit fi Triq ix-Xewkija, Sannat, Għawdex, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_318. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm5,000.00 (€11,646.87) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 258. Bejgħ ta' spazju taħt l-art, li jiġi taħt Triq Gort, San Ġiljan, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_408. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm100.00 (€232.94) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 259. Bejgħ ta' sit fuq wara tad-Dar Nru. 146, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, is-Siġġiewi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.159_82_16. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm500.00 (€1,164.69) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 260. Bejgħ ta' spazju taħt l-art, li jiġi taħt il-Fond Nru. 74, Triq id-Dejqa, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_788. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' Lm100.00 (€232.94) skond kif stipulat fil-kundizzjonijiet ta' l-offerta.

Avviż Nru. 261. Kiri tal-Fond vojt Nri. 49 u 50, Xatt Lascaris, Valletta, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2007_3. Din l-offerta hi soġġetta għad-dritt ta' l-ewwel rifjut.

Avviż Nru. 262. Kiri, minn sena għal sena, għal skop ta' agrikoltura, ta' sit fil-limiti ta' Ħal Kirkop, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.JO_38_2006. Bdiewa *full-time* jingħataw preferenza. Dikjarazzjoni mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (E.T.C.), li tikkonferma li huwa/hija bidwi *full-time* trid tiġi annessa ma' kull offerta. F'każ li l-ebda bidwi *full-time* ma jagħmel offerta, il-Gvern iżomm id-dritt li jagħti l-offerta lil kwalunkwe offerent ieħor.

Avviż Nru. 263. Kiri, minn sena għal sena, biex jintuża bħala ġnien, ta' sit maġenb Blokk Ċ, Qasam tad-Djar Ta' Ganza, iż-Żejtun, muri bl-aħdar u mmarkat Nru.16 fuq pjanta L.D.7/80/12. Dan is-sit hu soġġett għal servitujiet ta' terzi.

Avviż Nru. 264. Kiri, għal skop kummerċjali biss, ta' tliet (3) siti maġenb u taħt il-Fond Nri. 49/50, Triq il-Merkanti, Valletta, murija bl-aħmar u mmarkati Nri. 1, 2 u 3 fuq pjanta P.D. 2007_802. Dawn is-siti huma soġġetti għal servitujiet ta' terzi.

L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet relevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu mid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de

tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 257. Sale of a site in Triq ix-Xewkija, Sannat, Gozo, shown edged in red on plan P.D. 2007_318. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm5,000.00 (€11,646.87) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 258. Sale of an underground space, underlying Triq Gort, Saint Julians, shown edged in red on plan P.D. 2007_408. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm100.00 (€232.94) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 259. Sale of a site at the back of House No. 146, Mons. Mikiel Azzopardi Street, Siġġiewi, shown edged in red on plan P.D.159_82_16. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm500.00 (€1,164.69) as stipulated in the tender conditions. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 260. Sale of an underground space, underlying Premises No. 74, Strait Street, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2007_788. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of Lm100.00 (€232.94) as stipulated in the tender conditions.

Advt. No. 261. Lease of the bare Premises Nos. 49 and 50, Lascaris Wharf, Valletta, shown edged in red on plan P.D.2007_3. This tender is subject to a right of first refusal.

Advt. No. 262. Lease, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site in the limits of Kirkop, shown edged in red on plan P.D.JO_38_2006. Preference will be given to full-time farmers, who are to submit a declaration by the Employment and Training Corporation (E.T.C.) confirming that he/she is a full-time farmer. Government reserves the right to award tender to any other bidder if no full-time farmer submits an offer.

Advt. No. 263. Lease, on a year to year basis, for gardening purposes, of a site adjacent to Block C, Ta' Ganza Housing Estate, Żejtun, shown edged in green and marked No.16 on plan L.D.7/80/12. This site is subject to third party servitudes.

Advt. No. 264. Lease, for commercial purposes only, of the three (3) sites, adjacent to and underlying Premises Nos. 49/50, Triq il-Merkanti, Valletta, shown edged in red and marked Nos. 1, 2 and 3 on plan P.D. 2007_802. These sites are subject to third party servitudes.

Tenders should be made only on the prescribed form which, together with the relevant conditions and other documents are obtainable from the Land Department,

Baviere, Valletta, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u 11.45 a.m. Irid jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta. Il-ħlasijiet jiġu aċċettati biss b'ċekk jew *money order*. L-offerta tkun valida biss jekk ikollha magħha t-timbru uffiċjali tad-Dipartiment.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

Auberge de Baviere, Valletta, on any working day between 8.30 a.m. and 11.45 a.m. A fee of Lm5 (€11.65) will be charged for each copy of tender document. Payments are to be made only by cheque or money order. Tenders are only valid if they bear the official stamp of the Department.

11th December, 2007

TAQSIMA TAX-XOGĦLIJIET U TAQSIMA TAS-SERVIZZI

Id-Diretturi Ġenerali, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, jgħarrfu illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Diċembru, 2007, fit-Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri, Taqsima tax-Xogħlijiet u Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 129/07. Kuntratt perjodiku għall-provvista, konsenja u *staking* ta' aċċessorji ta' l-aluminju lid-Dipartiment tal-Manifattura u s-Servizzi, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. 130/07. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' żewġ (2) vannijiet *tipping double-cab* użati lid-Dipartiment tal-Manifattura u s-Servizzi, Taqsima tas-Servizzi, il-Furjana.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu wara l-ħlas rispettiv tagħhom mill-*Cash Office* tat-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi, Blokk A, il-Furjana, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.00 a.m. u nofsinhar. Kull tagħrif ieħor jista' jinkiseb mit-Taqsima tax-Xogħlijiet u t-Taqsima tas-Servizzi, Taqsima tal-Kuntratti u x-Xiri.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

WORKS DIVISION AND SERVICES DIVISION

The Directors General, Works Division and Services Division, notify that:–

Sealed tenders will be received at the Contracts and Procurement Section, Works Division and Services Division, Floriana, up to 10.00 a.m. on Friday, 28th December, 2007, for:-

Advt. No. 129/07. Period contract for the supply, delivery and staking of aluminium accessories to the Manufacturing and Services Department, Services Division, Floriana.

A fee of Lm10 (€23.29) is to be charged for the procurement of each tender document.

Advt. No. 130/07. Supply, delivery and commissioning of two (2) second hand tipping double-cab vans to the Manufacturing and Services Department, Services Division, Floriana.

A fee of Lm15 (€34.94) is to be charged for the procurement of each tender document.

Forms of tenders may be obtained against their respective payment from the Works Division and Services Division, Cash Office, Block A, Floriana, on any working day between 8.00 a.m. and noon. Any further information may be obtained from the Works Division and Services Division, Contracts and Procurement Section.

11th December, 2007

KORPORAZZJONI ENEMALTA

Iċ-*Chairman* jgħarraf illi:–

Kategorija A - Stmati bejn Lm2,501 - Lm5,000 (€5,825.76 – €11,646.87) - Jagħlqu l-Marsa

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, it-12 ta' Diċembru, 2007, fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Enemalta jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

GN/DPS/T/2/2007. Ftehim ta' manutenzjoni għal *chiller unit* ta' l-ilma fil-*Power Station* ta' Delimara.

ENEMALTA CORPORATION

The Chairman notifies that:–

Category A - Estimated between Lm2,501 - Lm5,000 (€5,825.76 – €11,646.87) - Closing at Marsa

Sealed tenders will be received at Enemalta's Marsa tender box up to 11.00 a.m. on Wednesday, 12th December, 2007, for:–

GN/DPS/T/2/2007. Maintenance agreement for water chiller unit at Delimara Power Station.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull dokument ta' din l-offerta.

GN/MPS/T/12/2007. *AC variable speed drive* għall-*boiler 3 fuel oil pump*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull dokument ta' din l-offerta.

GN/MPS/T/100/2007. *Portable gas detection equipment*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija B - Stmati bejn Lm5,001 (€11,649.20) - Lm20,000 (€46,587.47) - Jagħlqu fil-Marsa

Sal-11.00 a.m. ta' nhar l-Erbgħa, is-16 ta' Jannar, 2008, fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Enemalta jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

HO/T/104/2007. Provvista ta' *utility vehicle* li taħdem bl-elettriku.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull dokument ta' din l-offerta.

TD/T/105/2007. Provvista u stallazzjoni ta' sistema ta' *grid-connected photovoltaic* fl-Uffiċċju tad-Distrett f'Ħal Farruġ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull dokument ta' din l-offerta.

Kategorija Ċ - Stmati bejn Lm20,001 (€46,589.80) u EU Threshold Lm180,900 (€421,383.65) *VAT Exclusive* - Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti - il-Furjana

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' Jannar 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

GN/MPS/T/97/2007. Provvista ta' servizz biex kanali ta' l-ilma, *condensers* u *heat exchangers* jinżammu ħielsa minn *micro* u *macro fouling* fil-*Power Station* tal-Marsa.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm5 (€11.65) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

GN/MPS/T/12/2007. AC variable speed drive for boiler 3 fuel oil pump.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

GN/MPS/T/100/2007. Portable gas detection equipment.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

Category B - Estimated between Lm5,001 (€11,649.20) - Lm20,000 (€46,587.47) - Closing at Marsa

Sealed tenders will be received at Enemalta's Marsa tender box up to 11.00 a.m. on Wednesday, 16th January, 2008, for:–

HO/T/104/2007. Supply of an electric utility vehicle.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

TD/T/105/2007. Supply and installation of a grid-connected photovoltaic system at Ħal Farruġ District Office.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

Category C - Estimated between Lm20,001 (€46,589.80) and EU Threshold Lm180,900 (€421,383.65) VAT Exclusive - Closing at Contracts Department - Floriana

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 8th January, 2008, for:–

GN/MPS/T/97/2007. Provision of service to keep culverts, condensers and heat exchangers free of micro and macro fouling at Marsa Power Station.

A fee of Lm5 (€11.65) should be paid for each copy of this tender document.

Kategorija D - Stmati bejn EU Threshold Lm180,900 (€421,383.65) *VAT Exclusive* u Lm249,999 (€582,341.02)
- Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti - il-Furjana

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Jannar 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/PC3/91/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' 11kv *heat shrinkable material*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Kategorija E - Stmati 'l fuq minn Lm250,000 (€582,343.35)
- Jagħlqu fid-Dipartiment tal-Kuntratti - il-Furjana
- 3 Envelope Procedure

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, il-15 ta' Jannar 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:–

TD/T/PC3/88/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *PVC insulated* u *sheated copper cable*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull kopja tad-dokument ta' l-offerta.

Għandu jintbagħat *bid-bond* ta' Lm2,500 (€5,823.43) ma' l-offerti għall-avviż imsemmi hawn fuq.

L-offerti li ma jkollhomx magħhom il-ktejjeb tekniċi relevanti u/jew kampjuni, meta jkunu mitlubin fl-ispeċifikazzjoni, jistgħu ma jiġux ikkunsidrati.

Il-formoli ta' l-offerti/kwotazzjonijiet u d-dokumenti rrelevanti kollha jistgħu jinkisbu mill-Korporazzjoni Enemalta, Bini Ċentrali ta' l-Amministrazzjoni Ġenerali, ix-Xatt tal-Knisja, il-Marsa, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Min jibgħat offerta għandu jiftakar li l-formoli ta' l-offerta/kwotazzjoni jistgħu jitniżżlu mill-*website* ta' l-Enemalta www.enemalta.com.mt wara li jitħallas dritt *on-line* ta' l-ammont relattiv.

Tagħrif rigward id-deċiżjonijiet meħuda mis-Sotto Kumitat ta' l-Offerti tal-Kategorija B jista' jinkiseb minn fuq 22980660 għal tlett ijiem konsekuttivi wara l-ewwel pubblikazzjoni tagħhom fuq in-*notice-board* tal-Bini ta' l-Amministrazzjoni, il-Marsa.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

Category D - Estimated between EU Threshold Lm180,900 (€421,383.65) VAT Exclusive and Lm249,999 (€582,341.02)
- Closing at Contracts Department - Floriana

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 15th January, 2008, for:–

TD/T/PC3/91/2007. Period contract for the supply of 11kv heat shrinkable material

A fee of Lm10 (€23.29) should be paid for each copy of this tender document.

Category E - Estimated above Lm250,000 (€582,343.35)
- Closing at Contracts Department - Floriana
- 3 Envelope Procedure

Sealed tenders will be received at Department of Contracts, Floriana up to 10.00 a.m. on Tuesday, 15th January, 2008, for:–

TD/T/PC3/88/2007. Period contract for the supply of PVC insulated and sheated copper cable.

A fee of Lm20 (€46.59) should be paid for each copy of this tender document.

A bid-bond of Lm2,500 (€5,823.43) is to be submitted with each offer for the above tender advert.

Offers unaccompanied by the relevant technical literature and/or sample, when so required in the specification may not be considered.

All forms of tenders/quotations and all related documents may be obtained from Enemalta Corporation, Central Administration Building, Church Wharf, Marsa on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tenderers are to note that tenders/quotation forms may also be downloaded from Enemalta Website www.enemalta.com.mt against payment on-line of the relative fee.

Information regarding decisions taken by Enemalta Tender Sub Committee regarding awards of tenders Category B can be polled on 22980660 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at Enemalta Administration Building Marsa.

11th December, 2007

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TA' L-ILMA

Iċ-*Chief Executive*, Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, jgħarraf illi:–

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Diċembru, 2007, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/59/2007. Kiri ta' *cherry picker.*

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-20 ta' Diċembru, 2007, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/61/2007. Provvista, konsenja u kummissjunar ta' tliet *panels* ta' l-elettriku identiċi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/63/2007. Provvista u stallazzjoni ta' sistema ta' *exhaust extraction*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, is-7 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. WSC/T/64/2007. Provvista ta' *end caps* għall-kanen metriċi ta' ħadid li jitgħawweġ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. WSC/T/65/2007. Provvista ta' *repair clamps 350mm* għall-kanen metriċi ta' ħadid li jitgħawweġ.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

WATER SERVICES CORPORATION

The Chief Executive, Water Services Corporation, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 14th December, 2007 for:-

Advt. No. WSC/T/59/2007. Hire of a cherry picker.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 20th December, 2007 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/61/2007. Supply, delivery and commissioning of three identical electrical panels.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Friday, 4th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/63/2007. Supply and installation of a an exhaust extraction system.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 7th January, 2008 for:-

Advt. No. WSC/T/64/2007. Supply of end caps for metric ductile iron and imperial cast iron pipes.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Advt. No. WSC/T/65/2007. Supply of repair clamps 350mm for metric ductile iron pipes.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-8 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/55/2007. Provvista u konsenja ta' karozzi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ħamis, l-10 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/14/2007. Provvista u konsenja ta' *2-ton chassis cabs* bil-*crane*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm15 (€34.94) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn, l-14 ta' Jannar, 2008, fl-Uffiċċju Prinċipali tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

*Avviż Nru. WSC/T/67/2007. Provvista ta' materjali għat-tiswija ta' ħitan esterni fl-Impjant tar-Reverse Osmosis f'Għar Lapsi.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm10 (€23.29) għal kull dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-22 ta' Jannar, 2008, fid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. CT/WSC/T/52/2007. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' pajpijiet tal-*polyethylene*.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument ta' l-offerta.

Avviż Nru. CT/WSC/T/60/2007. Provvista ta' tappieri u *frames* tal-ħadid fondut għall-Waste Water Unit.

Għandu jitħallas dritt ta' Lm20 (€46.59) għal kull dokument ta' l-offerta.

*Avviż li qed jidher għall-ewwel darba

Il-formoli ta' l-offerti jistgħu jinkisbu mill-*Cash Office*, Korporazzjoni għal Servizzi ta' l-Ilma, Ħal Luqa, u aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet ta' dawn l-offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-*Procurement* u *Stores*, Triq Ħal Qormi, Ħal Luqa LQA 9043, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 8th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/55/2007. Supply and delivery of light cars.

A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Thursday, 10th January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/14/2007. Supply and delivery of 2-ton chassis cabs with crane.

A fee of Lm15 (€34.94) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Water Services Corporation Head Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, by not later than 10.00 a.m. on Monday, 14th January, 2008 for:-

*Advt. No. WSC/T/67/2007. Supply of materials for the repair of external walls at Għar Lapsi Reverse Osmosis Plant.

A fee of Lm10 (€23.29) will be charged for each tender document.

Sealed tenders will be received at the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 22nd January, 2008 for:-

Advt. No. CT/WSC/T/52/2007. Period contract for the supply of polyethylene pipes.

A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each tender document.

Advt. No. CT/WSC/T/60/2007. Supply of cast iron manhole covers and frames for the Waste Water Unit.

A fee of Lm20 (€46.59) will be charged for each tender document.

*Advertisement appearing for the first time.

Forms of tenders may be obtained from the Cash Office, Water Services Corporation, Luqa and further information regarding the conditions of these tenders may be obtained from the Procurement and Stores Office, Triq Ħal Qormi, Luqa LQA 9043, on any working day between 8.30 a.m. and noon.

Tagħrif rigward deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat tal-Kuntratti tal-KSI rigward Għoti/sejħiet ġodda/Tħassir ta' offerti jista' jinkiseb minn fuq 2244 3499 għal tlett ijiem ta' xogħol konsekuttivi wara li jkunu ppubblikati l-ewwel darba fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju Prinċipali tal-KSI, Ħal Luqa.

Il-11 ta' Diċembru, 2007

Information regarding decisions taken by the WSC Contracts Committee regarding Awards/fresh calls/Cancellation of tenders can be polled on 2244 3499 for three consecutive working days after their first publication on the notice-board at WSC Head Office, Luqa.

11th December, 2007

DIPARTIMENT TAL-BINI U TISWIJA TA' DJAR

Id-Direttur għall-Bini u Tiswija ta' Djar jgħarraf illi :

Sa l-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Diċembru, 2007, jintlaqgħu offerti magħluqin għal:

Avviż Nru. 565. Kumnikazzjoni mad-djar fi Blokki H u I, Triq is-Sogħda, in-Naxxar.

Avviż Nru. 566. Tiswijiet mixxellanji fi Blokk 3, Triq San Ġwann, Bormla.

Il-formoli ta' l-offerti u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu mit-Taqsima ta' l-*Accounts* u *Procurement*, Dipartiment għall-Bini u Tiswija ta' Djar, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Santa Venera, f'kull ġurnata taxx-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar wara li jitħallas dritt ta' Lm3.00 (€6.99).

Id-dokumenti ta' l-offerti jistgħu jitniżżlu wkoll minn fuq www.mfss.gov.mt

Il-11 ta' Diċembru, 2007

DEPARTMENT OF HOUSING CONSTRUCTION AND MAINTENANCE

The Director of Housing Construction and Maintenance notifies that:

Sealed tenders will be received up to 10.00 a.m. of Friday, 14th December 2007, for:

Advt. No. 565. House connections at Blocks H and I, Triq is-Sogħda, Naxxar.

Advt. No. 566. Miscellaneous repairs at Block 3, Triq San Ġwann, Cospicua.

Forms of tenders and further information may be obtained from the Accounts and Procurement Section, Department of Housing Construction and Maintenance, Triq il-Kappillan Ġwann Azzopardi OC, Santa Venera, on any working day between 8.30 a.m. and noon against payment of Lm3.00 (€6.99).

The tender documents may also be dowloaded from www.mfss.gov.mt

11th December, 2007

AWTORITÀ TAD-DJAR

Iċ-*Chairman*, Awtorità tad-Djar tgħarraf illi:-

Offerti ssiġillati għall-Avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa ta' l-offerti ta' l-Awtorità tad-Djar, 22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 4 ta' Jannar 2008.

Avviż Nru. 261/2007. Bejgħ *tale quale* tal-fond Nru. 16, Birżebbuġa, Tal-Papa, Fażi III, Triq Florence Nightingale. Offerti taħt Lm9,000 (€20,964.36) ma jiġux ikkunsidrati.

Assolutament mingħajr preġudizzju, għall-premess, il-mittenti tfakkrek fl-obbligu tiegħek skond il-Liġi u l-polza ta' l-assigurazzjoni relattiva, illi żżommha informata b'kull żvilupp f'dan il-każ, …omissis…

Din l-ittra uffiċjali qiegħda ssir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, u senjatament tal-Kapitolu 104, tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

597) in the name and in representation of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of Britannia House, Old Bakery Street, Valletta, whilst referring to the car accident which occurred on the 10th February 2007, round about 1.15 p.m., in Żebbiegħ Street, Mġarr, Malta, in which the vehicle with registration number AAU 056, was involved, no person under twenty five (25) years was authorized, to drive the same vehicle, and notwithstanding you permitted or authorized Keith Mizzi, a person that had not reached twenty five years of age, to drive the same vehicle …omissis…

That thus the interpellant, shall not cover the damages claimed by third parties in this case and in case that it shall be bound to affect any payments in connection with the accident above referred to, it is from now reserving its position, in your regard, according to law.

Absolutely without prejudice, to the premised, the interpellant reminds you of your obligation according to Law and the relative insurance policy, to keep it informed of every development in each case …omissis…

This judicial letter is being made for all intents and purposes of Law, and especially Chapter 104, of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 6th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1774

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors Numru 36/07 JA, fl-ismijiet Grech Eileen vs Grech Alfred, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Eileen Grech vs Alfred Grech, fis-26 ta' Jannar 2007, ir-rikorrenti Eileen Grech ID 190265(M) talbet il-konvenut għala din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1.Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet li seħħ fil-25 ta' Mejju 1985, huwa null u invalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi tenut ta' l-Att taż-Żwieġ (Kap. 255

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 30th November 2007, in the records of the Application Number 36/07 JA, in the names Grech Eileen vs Grech Alfred, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent,in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Eileen Grech vs Alfred Grech, on the 26th January 2007, the applicant Eileen Grech ID 190265(M) asked the defendant why this Honourable Court should not:

1. Decide and declare that the marriage between the parties, which took place on the 25th May 1985, is null and invalid for all intents and purposes of law in terms of

tal-Liġijiet ta' Malta) kif sussegwentement emendat.

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Ir-Rikors Numru 36/2007 JA, fl-ismijiet Grech Eileen vs Grech Alfred, jinsab differit għall-25 ta' Jannar 2008, fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), illum 7 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Marriage Act (Chapter 255 of the Laws of Malta) as subsequently amended.

With costs, against the defendant summoned so that a reference to his evidence be made.

The Application number 36/2007 JA, in the names Grech Eileen vs Grech Alfred, has been put off to the 25th January 2008, at 9.45 a.m.

Registry Civil Courts (Family Section), today 7th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1775

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Novembru 2007, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Numru 193/07NC, fl-ismijiet Rita El Shennawy vs Sherif Mohamed El Shennawy, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Rita El Shennawy (ID 772251(M) vs Sherif Mohamed El Shennawy (ID19417 A) fit-12 ta' Ġunju 2007, ir-rikorrenti Rita El Shennawy (ID 772251M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara null u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi ż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti, fis-16 ta' April 1977.

Bl-ispejjeż u l-konvenut inġunt in subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Permezz ta' Nota ppreżentata fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fit-18 ta' Lulju 2007, ir-Rikorrenti Rita El Shennawy esebiet żewġ affidavits immarkati Dok AA u BB, fl-atti tar-Rikors hawn fuq imsemmi, li jikkonsistu:

a) Affidavit ta' l-istess Rita El Shennawy,

b) Affidavit ta' Katia Caruana, bint Rita El Shennawy.

Notifika Intimat: Hotel International Lido, Islet Promenade, Buġibba, St. Paul's Bay.

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 21st November 2007, in the records of the Sworn Application Number 193/07 NC, in the names Rita El Shennawy vs Sherif Mohamed El Shennawy, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent,in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application, filed, in the Civil Court, in the names Rita El Shennawy (ID 772251M) vs Sherif Mohamed El Shennawy (ID 19417A) on the 12th June 2007, the applicant Rita El Shennawy (ID 772251M) prayed this Honourable Court;

1. to declare null and without effect for all intents and purposes of law the marriage contracted between the parties on the 16th April 1977.

With costs and the defendant is summoned so that a reference to his oath be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

By means of a Note, filed, in the Civil Court (Family Section) on the 18th July 2007, the Applicant Rita El Shennawy exhibited two affidavits marked Doc AA and BB in the records of the Application above mentioned, which consist of:

a) Affidavit of the same Rita El Shennawy,

b) Affidavit of Katia Caruana, daughter of Rita El Shennawy.

Notify Respondent: Hotel International Lido, Islet Promenade, Bugibba, St. Paul's Bay.

Ir-Rikors Ġuramentat Nru 258/07 NC, fl-ismijiet El Shennawy Rita vs El Shennawy Sherif Mohamed, jinsab differit għan-notifika ta' l-intimat, għall-5 ta' Frar 2008, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 10 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The Sworn Application Number 258/07 NC, in the names El Shennawy Rita vs El Shennawy Sherif Mohamed,has been put off in order that the respondent be notified to the 5th February 2008, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 10th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1776

Ikun jaf kulħadd, illi l-Qorti tal-Appell, permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni numru 968/92 GC, fl-ismijiet Arthur Valletta vs Mario Cutajar bħala direttur għan-nom in rappreżentanza tas-soċjetà Cutajar Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Arthur Valletta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti ta' l-Appell, bejn Arthur Valletta vs Mario Cutajar bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Cutajar Limited, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' dina l-kawża għal nhar it-Tlieta, tletin (30) ta' Ottubru 2007, fil-11.30 a.m., u differit għall-14 ta' Diċembru 2007, fid-9.00 a.m.

Notifika: Arthur Valletta,
224, Manwel Dimech Street,
Balluta,
San Ġiljan.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Appelli) illum 7 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified, that the Court of Appeal, by means of a decree given on the 5th December 2007, in the records of the Writ of Summons number 968/92 GC, in the names Arthur Valletta vs Mario Cutajar as director in the name and in representation of the company Cutajar Limited, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Arthur Valletta, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal, between Arthur Valletta vs Mario Cutajar as director in the name and in representation of the company Cutajar Limited, have been closed, the Court fixed the hearing of this cause on Tuesday, thirtieth (30)th October 2007, at 11.30 a.m., and put off to the 14th December 2007, at 9.00 a.m.

Notify: Arthur Valletta,
224, Manwel Dimech Street,
Balluta,
St. Julian's.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 7th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1777

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-2 ta' Novembru 2006, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-kodiċi tal-proċedura u organizzazjoni ċivili (kap.12)

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' Bank of Valletta Plc ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 14 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-22 ta' Marzu, 2006 li għandu jsir f'FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-propjetà hawn taħt deskritta.

It is hereby notified that by a decree of the 2nd November 2006 given by the First Hall Civil Court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the code of organization and civil procedure (chapter 12)

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th November, 2007 on the application of Bank of Valletta Plc, Thursday, 14th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 22nd March, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

Villa bl-isem Newark College (ġa Villa Edera), bin-numru mija u wieħed u għoxrin (121) Triq is-Sirk, Swieqi, mibnija fuq tliet sulari fuq art ta' ċirka 980 metri kwadri li tinsab f'żona residenzjali desinjata bħala villa area, illum mikrija lil terzi u użata bħala skola, stmata li tiswa Lm780,000 (€1,816,911.25).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' George Victor Xuereb (KI 587944M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-8 ta' Awissu 2006.

N.B. Il-propjetà li se tinbiegħ f'dan l-irkant tkun liberata b'kull offerta.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Villa named Newark College (formerly Villa Edera), numbered one hundred twenty one (121) Triq is-Sirk, Swieqi, built on three floors on a land measuring 980 metres squared found in a residential zone designated as a villa area, presently leased to third parties and used as a school, valued at Lm780,000 (€1,816,911.25).

The said tenement is the property of George Victor Xuereb (ID 587944M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 8th August 2006.

N.B. The property sold in this auction will be adjudicated for any offer.

Registry of the Superior Courts, this 7th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1778

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-11 ta' Mejju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Carmel Mangion (ID 954844M) ta' 14, Triq il-Kbira, Qormi, ippreżenta Talba fit-23 ta' Frar 2007, fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Rosemarie Agius ta' St Paul Mansions, Flat 3, Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex, Msida, sabiex tħallas lill-attur is-somma ta' mija u sebgħa u sittin lira Maltija u ħamsa u tletin ċenteżmu Lm167.35 (€389.82) liema ammont huwa dovut lill-attur.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (177/07RFA) hija differita għall-11 ta' Jannar 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Diċembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 11th May 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Carmel Mangion (ID 954844M) of 14, Triq il-Kbira, Qormi, filed a Claim on the 23rd February 2007 whereby he asked the Tribunal to condemn Rosemari Agius of St Paul Mansions, Flat 3, Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex, Msida, to pay the plaintiff the sum of one hundred and sixty seven Maltese liri and thirty five cents Lm167.35 (€389.82) which amount is due to the plaintiff.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 177/07RFA) is put off on the 11th January 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th December 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1779

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-22 ta' Mejju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' April 2005, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil LCL Location Co Ltd (Landrocks) ta' 21, Triq tal-Ħerba, Birkirkara, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u ħamsa u erbgħin lira Maltija u sebgħa u ħamsin ċenteżmu Lm945.57(€2,202.59) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (948/05PBC) hija differita għall-15 ta' Jannar 2008 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Diċembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 22nd May 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa, filed a Claim on the 29th April 2005 whereby they asked the Tribunal to condemn LCL Location Co Ltd (Landrocks) of 21, Triq tal-Ħerba, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of nine hundred and forty five Maltese liri and fifty seven cents Lm945.57 (€2,202.59) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 948/05PBC) is put off on the 15th January 2008 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th December 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1780

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-26 ta' Novembru 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Christopher Zarb (ID No 38767M) li jiggestixxi d-ditta bl-isem "Dream Design" ta' Triq il-Mastrudaxxa, Mosta, ippreżentaw talba fl-14 ta' Awissu 2007 fejn talbu lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Torki Solaiman (ID 301297M) ta' Penthouse 11, Carmen Flats, Triq Ġulju, Buġibba l/o San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlett elef erba' mija u tnejn u disgħin lira Maltija u erbgħa u tmenin ċenteżmu Lm3,492.80 (€8,136.04) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż.

Il-kawża (Avviż Nru 252/07MM) hija differita għall-10 ta' Jannar 2008 fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 10 ta' Diċembru 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 26th November 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Christopher Zarb (ID 38767M) who manage the firm "Dream Design" of Triq il-Mastrudaxxa, Mosta, filed a Claim on the 14th August 2007, whereby they asked the Court to condemn Torki Solaiman (ID 301297M) of Penthouse 11, Carmen Flats, Triq Ġulju, Buġibba l/o san Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of three thousand four hundred and ninty two Maltese liri and eighty cents Lm3,492.80 (€8,136.04) which amount is due to the plaintiff company.

With costs.

The case (Notice Number 252/07MM) is put off to the 10th January 2008 at 9.00 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 10th December 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1781

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-4 ta' Diċembru 2007, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-kodiċi tal-proċedura u organizzazjoni ċivili (kap.12)

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subbasta numru 1/05
Fl-ismijiet:

Bank of Valletta Plc
Vs
Alaadin Adel Hazzouri et

Imħallef Onor. G. Caruana Demajo

Il-Qorti;

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta 14 ta' Novembru, 2006 bil-prezz ta' Lm6,000.00c/€13,976.24 favur Bank of Valletta Plc rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li kien jappartjeni lil Alaadin Adel u Maryanne Hazzouri msemmija fl-istess atti u cioe:-

L-appartament internament immarkat bin-numru sbatax (17) formanti parti minn block ta' appartamenti magħrufa bħala 'Lily Flats' fi Triq Ġużepp Delia, Buġibba limiti ta' San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa Lm10,500 (€24,458.42).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-ligi Emanuel Buttiġieġ kiser il-kwindena u offra Lm6,300 (€14,675.05) għall-fond hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-bejgħ b'Irkant u l-aħħar liberazzjoni tal-fond hawn fuq imsemmi l-jum tal-Ħamis, 7 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati;

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-krediturі eżekutanti, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dak li offra l-aħħar, liema notifika għandha ssir kif mitluba.

Illum 5 ta' Ottubru, 2007

ALAN ZERAFA B.A.(HONS), M.A.
Għar-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 4th December 2007 given by the First Hall Civil Court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the code of organization and civil procedure (chapter 12)

In The First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction
No. 1/05 in the names:

Bank of Valletta Plc
Vs
Alaadin Adel Hazzouri et

Honourable G. Caruana Demajo

The Court,

Following the Adjudication of Tuesday, 14th November, 2006, in favour of Bank of Valletta Plc as regarding the hereunder mentioned properties for the price of Lm6,000.00c/€13,976.24, which property belongs to Alaadin Adel and Maryanne Hazzouri mentioned in the same Judicial acts, namely:

Tenement internally marked number 17 forming part of block of apartments known as 'Lily Flats' in Patri Guzepp Delia Street, Bugibba, limits of St. Paul's Bay, valued at Lm10,500 (€24,458.42).

Whereas Emanuel Buttigieg interrupted the statutory time limit by entering a bid of Lm6,300 (€14,675.05) for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints the day of Thursday 7th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon in the Corridors of these Law Courts for the Final Sale by Auction;

The Court hereby orders that a copy of the decree be served on the execution creditors, execution debtor, the purchasers and the last bidders, service of which may be affected as requested.

Today: the 5th day of October, 2007.

ALAN ZERAFA B.A.(HONS), M.A.
For the Registrar of Courts and Civil Tribunals

1782

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-2 ta' Ottubru, 2007, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-31 ta' Lulju, 2007, minn E.J. Constructions Ltd qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

1. Tnejn u għoxrin (22) garaxx taħt l-art, innumerati 6 sa 27, u tnax-il (12) maisonette li jifformaw mill-kumpless Casa d'Helena, Triq Tumas Fenech, Birkirkara.

2. Porzjon diviża ta' art li parti minnha hi barriera tal-franka li tinsab fil-limiti tal-Imqabba, formanti parti mill-art imsejħa 'Tal-Isqof'.

Fl-imsemmi rikors qed jintalab ukoll illi bħala deskrizzjoni u valutazzjoni ta' din il-proprjetà tiġi awtorizzata dik magħmula mill-AIC Joseph Jaccarini fl-atti tas-subasta numru 163/06.

L-imsemmi proprjetà tappartjeni lil JDC Company Limited.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 2nd October, 2007 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 31st July, 2007 by E.J. Construction Ltd, is being asked that the Court orders the Sale by Auction of:

1. Twenty two (22) underground garages, numbered 6 to 27, and twelve maisonettes forming part of the complex named Casa d'Helena, in Tumas Fenech Street, Birkirkara.

2. Portion of land, part of it being a limestone quarry in the limits of Imqabba, forming part of the land known as 'Tal-Isqof'.

In the said application it is being asked that as a description and valuation of the said property should be authorized the one made by AIC Joseph Jaccarini in the acts of Judicial sale number 163/06.

The said property belongs to JDC Company Limited.

Registry of the Superior Courts, this 5th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1783

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-21 ta' Novembru 2007, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim Awla, din il-qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-artikolu 187(3) tal-kodiċi tal-proċedura u organizzazjoni ċivili (kap.12)

Illi b'Rikors ppreżentat fit-2 ta' Novembru 2007 minn HSBC Bank Malta P.l.c., l-imsemmi Bank qed jitlob ir-revoka contrario imperio tad-digriet datat 31 ta' Awissu 2007 u sabiex l-imsemmi bank jagħmel offerti Animo Compensandi fil-bejgħ bl-irkant 32/07 fl-ismijiet; Lombard Bank Malta Plc vs Kenward Cole et.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum l-4 ta' Diċembru 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS)
Għar-reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 21st november 2007 given by the first hall civil court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the code of organization and civil procedure (chapter 12)

That by an application filed on the 2nd November 2007 by HSBC Bank Malta P.l.c., the said Bank is asking revoke contario imperio the decree dated 31st August 2007 and to make bids Animo Compensandi in the Sale by auction 32/07 in the names; Lombard Bank Malta Plc vs Kenward Cole et.

Registry of the Superior Courts, today the 4th December 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS)
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1784

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-22 ta' Novembru, 2007 fuq rikors ta' Paul Scerri et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 28 ta' Frar, 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-20 ta' Settembru, 2007 li għandu jsir fil-kurituri tal-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-propjetà hawn taħt deskritta.

1. Nofs indiviż tal-fond numru 41/1 (ġa 52/1), Triq il-Ħerba, Birkirkara, sovrastanti propjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa Lm20,000 (€46,587.47).

2. Nofs indiviż tal-fond numru 41/2 (ġja 52/2), Triq il-Ħerba, Birkirkara, sovrastanti propjetà ta' terzi, liberu u frank, stmat li jiswa Lm20,000 (€46,587.47).

3. Fond mingħajr numru bl-isem Kevin's Take Away, Triq ix-Xitwa, Buġibba, San Pawl il-Baħar, liberu u frank, stmat li jiswa Lm10,000 (€23,293.73).

4. Nofs indiviż ta' l-arja tal-Blokok ta' Appartamenti bl-ismijiet Donna Court, Heathcliff Court, Brian Court u St. John's Court, Triq Horatio Nelson, Qawra, San Pawl il-Baħar, stmata li tiswa Lm72,500 (€168,880).

5. Garaxx mingħajr isem u numru, internament immarkat bin-numru 11, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, sottostanti propjeta' ta' terzi, stmat li jiswa Lm6,000 (€13,976).

L-imsemmi fond huwa proprjeta ta' John (KI 774352M) u Carmen (KI 599458M) konjuġi Debono.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Godwin Abela fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-22 ta' Novembru 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 22nd November, 2007 on the application of Paul Scerri et, Thursday, 28th February, 2008 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 20th September, 2007 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Half undivided share of tenement numbered 41/1 (formerly 52/1), Triq il-Ħerba, Birkirkara, overlying third party property, free and unencumbered, valued at Lm20,000 (€46,587.47).

2. Half undivided share of tenement numbered 41/2 (formerly 52/2), Herba street, Birkirkara, overlying third party property, free and unencumbered, valued at Lm20,000 (€46,587.47).

3. Unnumbered tenement named Kevin's Take Away, Winter street, Bugibba, St. Paul's Bay, free and unencumbered, valued at Lm10,000 (€23,293.73).

4. Half undived share of the air space of the blocks of apartments named Donna Court, Heathcliff Court, Brian Court and St. John's Court, Triq Horatio Nelson, Qawra, St Paul's Bay, valued at Lm72,500 (€168,880).

5. Unnumbered and unnamed garage, internally marked with number 11, Olaf Gollcher street, Birkirkara, underlying third party property, valued at Lm6,000 (€13,976).

The said tenement is the property of John (ID 774352M) and Carmen (ID 599458M) spouses Debono.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Godwin Abela on 22nd November 2007.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 5th December, 2007.

ALAN K. ZERAFA B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

1785

Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

Fl-atti tas-Subasta numru 9/05 fl-ismijiet:

Paul Gauci
Vs
Philip Zammit

Onor Imħallef Dr G. C. Demajo

Il-Qorti,

Wara li rat il-liberazzjoni tat-Tlieta, 6 ta' Novembru 2007 bil-prezz ta Lm94,600 (€220,358.72) favur Paul Gauci (ID 273452M) rigward il-fond hawn taħt imsemmi u li kien jappartjeni lil Philip Zammit (ID 405346M) imsemmija fl-istess atti u ċioe':-

L-Utile Dominium Perpetwu tal-fond numru ħdax (11) magħrufa bħala "The Arches", (bil-garaxx anness) Triq Ħal Sajd, Żebbuġ soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm63.00c (€270.459) stmata li tiswa Lm 188,905.00c (€440.030281).

Billi fiż-żmien stabbilit mil-liġi Kevin John Zammit (ID 305169M) kisser l-kwindena u offra Lm98,000 (€228,278.59) għall-fond hawn fuq imsemmi.

Tiddekreta u tagħżel għall-Bejgħ bl-Irkant Finali u l-Aħħar Liberazzjoni tal-propjetà hawn fuq imsemmi l-jum tat-Tlieta 12 ta' Frar 2008 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar fil-kuridur ta' dawn il-Qrati.

Tordna li b'dan id-digriet jiġu notifikati l-kreditur eżekutant, id-debitur eżekutat, il-liberatarju u dawk li offrew l-aħħar.

Illum, 4 ta' Diċembru, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A.(HONS.), M.A.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

In the First Hall of the Civil Court

In the records of Judicial Sale by Auction number 9/05 in the names:

Paul Gauci
Vs
Philip Zammit

Honourable Mr Justice Dr G. C. Demajo

The Court,

Following the adjudication of Tuesday 6th November 2007 in favour of Paul Gauci (ID 273452M) for the price of Lm94,600 (€220,358.72) for the hereunder mentioned tenement belonging to Philip Zammit (ID 405346M) mentioned in the same Judicial Acts namely:-

The Utile Dominium Perpetum of tenement number eleven (11), known as "The Arches", Ħas Sajd Street, Żebbuġ, being subject to the annual and perpetual groundrent of Lm63.00c/€270.459 valued at Lm188,905.00c (€440.030281).

Whereas Kevin John Zammit (ID 305169M) interrupted the fifteen day statutory time limit by entering a bid of Lm98,000 (€228,278.59) for the mentioned property.

The Court therefore decrees and appoints Tuesday 12th February 2008 from 9.00a.m. to twelve noon, for the final Sale by Auction and Adjudication of the afore-mentioned property, which Sale is to be held in the Corridor of these Courts.

The Court hereby orders that a copy of this decree be served on the execution debtor, the execution creditor, the purchaser and the last bidder.

Today the 4th December, 2007

ALAN K.ZERAFA,B.A.(HONS.), M.A.
For the Registrar,Civil Courts and Tribunals

1786

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Novembru 2007, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 6077/07, fl-ismijiet Golden Harvest Mfg Co. Ltd vs MCRM Caterers Limited, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimati, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Ittra Uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil MCRM Caterers Limited, Arnold's, St Paul Street, Naxxar, is-soċjetà Golden Harvest MFG Co. Ltd, ta' Turu Colombo Square, Gżira, tinterpellak sabiex fi żmien jumejn inti tħallas is-somma ta' elfejn ħames mija u sittin Lira Maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu Lm2,560.76 (€5,964.97) prezz ta' merkanzija lilek mibjugħa u kkonsenjata.

Il-mittent javżak illi jekk inti tħalli t-terminu fuq lilek mogħti jgħaddi inutilment, huma sejrin jipproċedu kontra tiegħek skond il-liġi.

Tant biex tagħraf timxi.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) illum 10 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 27th November 2007, in the records of the judicial letter number 6077/07, in the names Golden Harvest Mfg Co. Ltd vs MCRM Caterers Limited, ordered the following publication for the of service of the respondents, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter, filed in the Court of Magistrates (Malta) against MCRM Caterers Limited, Arnold's, St Paul Street, Naxxar, the company Golden Harvest Mfg Co. Ltd, of Turu Colombo Square, Gżira, calls upon you so that within two days you pay the sum of two thousand five hundred and sixty Maltese Liri and seventy six cents Lm2,560.76 (€5,964.97) price of merchandise sold and delivered to you.

The interpellant warns you that if you allow the period given to you, to uselessly pass they shall proceed against you according to law.

So much so that you may know how to proceed.

With costs.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 10th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1787

Ikun jaf kulħadd, illi b' digriet tat-30 ta' Ottubru 2007,mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ġie ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' l-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta.

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b' digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-30 ta' Ottubru 2007, fuq talba ta' Mary Therese Zarb, ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil assenti Mahmoud Hussein Hassan Hussein,fl-atti tar-Rikors Ġuramentat 416/07 NC, fl-ismijiet 'Mary Therese Zarb vs Kuraturi Deputati' u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

It is hereby notified that by means of a decree of the 30th October 2007, the Civil Court (Family Section) ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, on the 30th October 2007, following a request of Mary Therese Zarb, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Mahmoud Hussein Hassan Hussein, in the records of the Sworn Application Number 416/07 NC in the names ' Mary Therese Zarb vs Deputy Curators' and in the relative and subsequent acts.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat, fl-ismijiet Mary Therese Zarb (ID 9975M) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex, jirrapreżentaw, lill-assenti Mahmoud Hussein Hassan Hussein, ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2007, ir-rikorrenti Mary Therese Zarb (ID No. 9975M) talbiet lil dina l-Onorabbli Qorti in vista ta' dak premess fir-rikors hawn fuq imsemmi tiddikjara:

1.Illi ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti, ċelebrat , fit-18 ta' Novembru 1997 huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19(1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż,kontra l-intimat ingunt in subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Rikorrenti: 1,Alley 2, Narrow Street, Lija.

Intimat: Kuraturi Deputati, il-Qorti, Valletta.

Inti għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri, u sejjaħ b' dan lil kull min irid jidħol bħala Kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota id-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fi żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi ta' l-uffiċċju.

u wara li tkun għamilt dan jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' l-Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo LL.D, Duttur tal-Liġi.

Illum 30 ta' Ottubru 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 10 ta' Diċembru 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a Sworn Application in the names Mary Therese Zarb (ID 9975M) vs Deputy Curators appointed to represent the absent Mahmoud Hussein Hassan Hussein, filed, on the 22nd October 2007, the applicant Mary Therese Zarb (Id No. 9975M) prayed this Honourablke Court, in view of that premised in the application above mentioned:

1. That the marriage between the parties celebrated on the 18th November 1997, is null and without effect in terms of articles 19(1) (9d) and (f) of Chapter 255 of the Laws of Malta.

With costs, against the respondent, summoned so that a reference to his evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Applicant: 1, Alley 2, Narrow Street, Lija.

Respondent: Deputy Curators, Courts of Justice, Valletta.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann in the lobby of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court (Family Section) above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Giannino Caruana Demajo ,LL.D. Doctor of Laws.

Today 30th October 2007.

Registry of the Superior Courts , today 10th December 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00 (€13.98)
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	Lm 5.00 (€11.65)
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00 (€6.99)
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00 (€2.33)
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00 (€2.33)
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80 (€4.19)
Diskors tal-*Budget* 2008	Lm 1.00 (€2.33)
Economic Bulletin – July 2007	Lm 2.00 (€4.66)
Economic Survey 2007	Lm 2.00 (€4.66)
Electoral Register, October 2007	Lm10.40 (€24.23)
Electoral Register, Local Councils, October 2007	Lm39.75 (€92.59)
Estimates 2008	Lm 2.00 (€4.66)
Financial Report 2005	Lm 3.00 (€6.99)
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	Lm 0.50 (€1.16)
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	Lm 1.00 (€2.33)
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00 (€2.33)
Legal Notices and Bye-Laws 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00 (€13.98)
Malta's Parliament – An Official History	Lm18.00 (€41.93)
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	Lm 1.75 (€4.08)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00 (€2.33)
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	Lm 0.25 (€0.58)
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75 (€4.08)
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00 (€4.66)
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	Lm 1.50 (€3.49)
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	Lm 1.50 (€3.49)
Portfolio Assessments	Lm 4.00 (€9.32)
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00 (€16.31)
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50 (€3.49)
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	Lm 1.00 (€2.33)
The Press Act	Lm 0.50 (€1.16)
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00 (€6.99)
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	Lm 2.00 (€4.66)

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*